**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Claire L Stafrace Zammit B.A. LL.D.**

**Il-Pulizija**
**[Spettur Geoffrey Azzopardi]**

**vs**

**Connie Camilleri**

**Kumpilazzjoni Numru: 1186/13**

**Illum, 6 ta' Frar, 2017**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmija Connie Camilleri detentrici tal-karta tal-identita` numru 24976M).

Akkuzata talli fl-10 ta' Ottubru 2013, ghall-habta tal-11.00 p.m. fir-Rabat:

1. Ikkagunat offiza ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Gianluca Torres skont ma ccertifika Dr Christopher Muscat M.D. mic-Centru tas-Sahha tal-Mosta (Art 218 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta);
2. Ghamlet lil haddiehor ingurji jew theddid jew jekk kienet ipprovokata, ingurjat b'mod li harget barra mil-limiti tal-provokazzjoni (Art. 339(1)(e) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta).

Rat it-talba tal-prosekuzzjoni sabiex f'kaz ta' htija barra mill-piena applikabbli ghar-reat tapplika l-Artikolu 383 u 412C tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta ghall-harsien ta' Gianluca Torres;

Rat l-ezami tal-imputata li wiegbet mhux hatja tal-akkuzi kif dedotti kontriha;

Rat il-fedini penali tal-imputata li hija kwazi netta;

Rat l-atti kollha inkluz in-nota ta' rinviju tal-Avukat Generali datata hdax (11) ta' Awwissu elfejn u erbatax (2014) fejn gew elenkati l-Artikoli tal-Ligi ghas-sejbien ta' htija u cioe`:

- fl-Artikoli 17, 31 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- fl-Artikolu 214, 215 u 218 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- fl-Artikoli 339(1)(e) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- fl-Artikoli 383, 384 u 385 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Illi din il-kawza tittratta dwar incident familjari bejn l-imputata u l-parte civile Gianluca Torres fejn inqala' dizgwid bejniethom nhar l-ghaxra (10) ta' Ottubru elfejn u tlettax (2013) u dan id-dizgwid irrizulta illi l-parte civile sofra griehi fravi allegatament mill-imputata permezz ta' tagen.

Illi f'dawn il-proceduri hemm biss zewg verzjonijiet, dik tal-parte civile u dik tal-imputata. Il-parte civile Gianluca Torres fix-xhieda tieghu jghid illi huwa kien f'relazzjoni mal-imputata u dakinhar huwa kellu xi suspetti fuq il-komportament tal-imputata li kien qed jahseb li kienet tmur ma diversi rgiel ohra. Bdiet diskussjoni fejn spiccat li l-imputata qabdet tagen mill-kcina u taghtu daqqa bih go wiccu.

L-imputata fix-xiehda taghha fuq in-naha l-ohra tghid illi hija kienet f'relazzjoni mal-parte civile li din kienet intemmet. Pero` gara illi meta rat illi dan kien bla

dar u ma kellux fejn jorqod, hija kkoncediet sabiex jorqod fid-dar taghha imma fuq is-sufan. Ta' min jghid illi l-koppja kellhom tifel bejniethom.

Hija tkompli tghid illi dawn kellhom diskussjoni billi l-parte civile beda jghajjarha kliem dizpregjattiv meta hija kienet diga` qeghda fis-sodda u dan tela' fuq hdejha u beda isawwatha. Hija tghid ukoll illi dan beda jaghatiha bl-addocc f'gisimha kollu u sahansitra harigha barra mis-sodda u nizzilha t-tarag minn xagharha. Kien hemmhekk li hija qabdet tagen mill-kcina u taghtu daqqa bih.

Illi din il-Qorti ma hijiex ser tiddilunga hafna fuq il-mertu u l-provi prodotti u dan ghaliex miz-zewg verzjonijiet u anke mill-griehi subiti mill-imputata li gew ampjament elenkati permezz ta' dokument immarkat Dok JZ1, jidher car illi l-aktar verzjoni kredibbli hi dik tal-imputata. Din il-Qorti hi konvinta illi d-diskussjoni eskalat minhabba li l-parte civile kellu suspetti (fondati jew mhux fondati) li l-imputata kienet qed tara rgiel ohra u ta' persuna b'certa ammont ta rabja u gelosija tela' sparat ghal fuqha u beda jsawwatha hekk kif gie rrappurtat fir-ritratti riferiti hawn fuq li juru serje ta' tbengil estensivi u qatghat fuq gisem l-imputata. Hija xi haga naturali illi l-imputata riedet tiddefendi lilha nnifisha u f'dak il-mument qabdet l-ewwel haga li giet f'idejha u fajjret daqqa fuq ras l-imputat.

Illi dan huwa kaz klassiku ta' legittima difeza illil kif jghallmuna diversi sentenzi tal-Qorti tal-Appell u awturi din id-difiza tigi sostanzjata fis-segwenti:

> *"Mhux kull min "jagixxi biex jiddefendi ruhu" necessarjament jista' jinvoka dana l-artikolu. Il-ligi titkellem car dwar il-"bzonn attwali" tad-difiza legittima" ta' dak li jkun jew ta' haddiehor. Kemm fid-dottrina kif ukoll fil-gurisprudenza taghna hu ormai stabbilit li biex wiehed jista' jinvoka dina l-iskriminanti, l-aggressjoni subita trid tkun ingusta, gravi u inevitabbli. L-element tal-inevitabilita jigi nieqes meta wiehed, minflok ma jevita l-inkwiet ossia glied li jara gej, meta dan ikun jista' b'mod ragonevoli jigi hekk evitat, imur minghajr raguni valida jaffrontah b'mod li jipprecipita huwa stess il-konfront fiziku. Kif tajjeb intqal minn Lord Justice Widgelyy fil-kawza R. vs. Julien (1963) 1 WLR 839: "It is not … … the law that a person threatened must take to his heels and run in the dramatic way suggested by Mr. McHale, but what is necessary is that he should demonstrate by his actions that he does not want to fight. He must demonstrate that he is preared to temporise and disengage and perhaps make some physical withdrawl, and that is necessary as a feature of the justification of self-defence is true, in our opinion whether the charge is a homicide charge of something less serious."*[1]

L-istess jghid il-**Professur Anthony Mamo** fil-ktieb tieghu *Lectures on Criminal Law* fejn jghid illi l-elementi ta' din id-difiza huma :

> *"The evil threatened must be: (1) unjust; (2) grave; (3) inevitable".*

Huwa jkompli jghid ukoll illi:

> *"The accused must prove that the act was done by him to avoid an evil which could not otherwise be avoided. In other words, the danger must be sudden, actual and absolute. For if the danger was anticipated with certainty, a man will not be justified who has rashly braved such danger and placed himself in the necessity of having either to suffer death or grievious injury or to inflict it."*[2]

---

[1] **Pulizija vs Augusto Auguliaro** deciza fis-26 ta' Awwissu 1998 (Per Imhallef Vincent De Gaetano; (kaz numru 859/2004)

[2] Lectures on Criminal Law (Part 1) fol. 104

Ghaldaqstant u tenut kont ta' dak li ntqal hawn fuq, din il-Qorti taqta' u tiddeciedi illi l-imputata agixxiet b'legittima difeza u ghalhekk m'ghandhiex tinstab htija fil-konfront taghha talli kkommettiet griehi gravi fuq il-persuna ta' Gianluca Torres. Ugwalment jinghad ghat-tieni akkuza ghaliex bl-ebda mod ma get ippruvata xi ingurji jew theddid min-naha taghha.

Ghal dawn il-motivi ma ssibx lill-imputata **Connie Camilleri** hatja tal-akkuzi kif dedotti kontriha u ghaldaqstant tilliberaha minnhom stante li ma gewx ippruvati.

**Dr Claire L Stafrace Zammit B.A. LL.D.**
**Magistrat**